Kunsill Reġjun Punent
Ċentru Kristu Raġħaj, It-3 Sular, Is-Seminarju tal-Arċisqof, Triq tal-Virtu, Rabat, Malta
E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent

Minuti Numru **67**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar Il-Ħamis l-24 ta' Settembru, 2026 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Raġħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:

President:	Is-Sur Sandro Azzopardi
Il-Qrendi:	Il-Viċi President is-Sur David Michael Schembri
Is-Siġġiewi:	I s - Sindku is-Sur Ryan Cachia
L-Imqabba	Is-Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa
Rabat:	Is-Sindku s-Sur Alexander Craus
Ħal Safi	Is-Sindku is-Sur Johan Mula
Iż-Żurrieq:	Is-Sindku s-Sa Rita Grima

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

L-Imdina:	Sindku s-Sur Peter Sant Manduca
Ħaż-Żebbuġ:	Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi
Ħad-Dingli:	Sindku is-Sur Raymond Schembri
Ħal Kirkop:	Sindku s-Sur Matthew Agius Zammit

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:00 ta' filgħaxija.

67.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

67.01.01 Ir-Reġjun Punent irċieva ittri t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku tal-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca, is-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ is-Sur Steve Zammit Lupi, is-Sindku ta' Ħad-Dingli, is-Sur Raymond Schembri u is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit.

67.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 66;

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 66 li saret nhar il-25 ta' Awwissu 2026. Is-Sindku tar-Rabat talab għal korrezzjoni tal-minuta 66.09 hekk kif muri hawn taħt.

66.09 Il-President ressaq għall-approvazzjoni applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, sabiex jkunu użati id-Development Planning Funds tal-PA sabiex isir xogħol ta' tibdil ta' dwal ġewwa ġnien il-Barnuża l-Ħamra fil-Baħrija ir-Rabat.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi, is-Sur David Michael Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

67.03 Punti mqajjma mill-Minuti

67.04 Kommunikazzjoni mill-President

67.04.01 Nhar is-26.08.26 irċivejna ir-rapport tar-Reject Trial Report li sar f'Lulju 2026.

67.04.02 Nhar is-26.08.26 infurmajna li l-attivita' li jmiss tal-proġett ta' Darba Waħda fil-Villaġġ ser issir Ħad-Dingli nhar id-19.09.26.

67.04.03 Nhar is-26.08.26 irċivejna kommunikat mis-Sur Vassallo għal eżerċizzju biex titħejja lista ta' proprjetajiet battala f'kull lokalità u belt, irrispettivament minn jekk dawn humiex proprjetà privata jew tal-Gvern.

67.04.04 Nhar is-27.08.26 irċivejna 'Save the date' għal konferenza The Economic Cost of Insularity and EU Policy Responses.

67.04.05 Nhar is-27.08.26 irċivejna mill-ERA numru ta' posts relatati mal-baħar sabiex inkunu nistgħu inqajjmu iktar għarfien fuq il-midja soċjali tagħna.

67.04.06 Nhar is-27.08.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej fakkret lill-Kunsilli Lokali għal lista ta' attivitajiet li jiġu organizzati mill-Kunsill fuq bażi regolari sabiex jinħoloq kalendarju kulturali.

67.04.07 Nhar it-28.08.26 irċivejna Cir AKL 2026/062_Invitation to Join Mental Health Walk 2026: Walking for Mental Health.

67.04.08 Nhar it-28.08.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill-Kunsilli Lokali li l-AKL qed tmexxi l-proġett Erasmus+ "Green Narratives: Rethinking Sustainability Through Human

Stories", b'kollaborazzjoni mal-Institute Advocacy Hub mis-Slovenja u JEDI Movement mis-Serbja. Bl-għan li jżid l-għarfien dwar is-sostenibbiltà permezz ta' stejjer, esperjenzi u inizjattivi reali li diġà qed iseħħu fil-komunitajiet tagħna, filwaqt li jħeġġeġ aktar azzjonijiet ambjentali fuq livell lokali.

67.04.09 Nhar it-28.08.26 is-Segretarju Eżekuttiv tal-AKL bagħtitilna komunikat mill-ERA rigward Public consultation in relation to the Review of an Environmental Impact Assessment Report for PA/02825/25.

67.04.10 Nhar il-31.08.26 is-Segretarju Eżekuttiv talbet għal approvazzjoni tad-direct order rigward il-kuntratt tal-Cultural Programme and Communications Coordinator.

67.04.11 Nhar l-01.09.26 irċivejna Ċirkulari Nru 07_2026 - Bonus tal-impjegali tal-CWS assenjati mal-Kunsilli Lokali u Ċirkulari Nru 08_2026 - Skala tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Reġjonali.

67.04.12 Nhar l-01.09.26 irċivejna mill-Wasteserv fejn talbuna sabiex jiġu diskussi ideat u azzjonijiet proposti rigward il-European Week for Waste Reduction.

67.04.13 Nhar l-01.09.26 saret laqgħa mal-football nurseries fejn ġiet diskussa kollaborazzjoni futura sa l-aħħar tas-sena 2026.

67.04.14 Nhar l-01.09.26 irċivejna mill-OASI Foundation dwar programm Addiction Conversations: Building Awareness & Strengthening Communities.

67.04.15 Nhar l-01.09.26 irċivejna Cir AKL 2026/063_Proċedura għall-Kontroll tal-Ħamiem Selvaġġ u Servizzi tas-Saħħa Ambjentali.

67.04.16 Nhar it-02.09.26 irċivejna mill-ACM li il-proġett Arts for Social Change ġie nominat għall-Premju għall-Arti.

67.04.17 Nhar it-02.09.26 saret laqgħa bejn ir-Reġjun Punent u Festivals Malta fejn ġew diskussi puti marbuta mal-MOU rigward is-simposju tal-għana.

67.04.18 Nhar it-02.09.26 irċivejna l-aġenda tal-ewwel laqgħa tan-National AdaptaionHub.

67.04.19 Nhar it-02.09.26 il-Maniġer tal-Iskart bagħat il-lista tal-hotspots lill-ERA.

67.04.20 Nhar it-02.09.26 il-President u l-Maniġer tal-Proġetti attendew għall-laqgħa ġewwa l-Bank Ċentrali, rigward il-munita kommemorattiva Kapitali tal-Kultura.

67.04.21 Nhar it-02.09.26 is-Segretarju Eżekuttiv tal-AKL infurmat li il-laqgħa tad-delegazzjoni ma' Dar Malta ser tinamm nhar it-13.10.26.

67.04.22 Nhar it-03.09.26 irċivejna l-MOU bejn Festivals Malta u Reġjun Punent.

67.04.23 Nhar it-03.09.26 infurmajna lill parteċipanti li l-proġett ġie innominat għall-premju għall-Aqwa Proġett għat-Tfal u Udjenzi Żgħażagħ mill-Kunsill Malti għall-Arti. Tlabna lit-tfal sabiex jibagħtulna paragrafu qasir fejn jaqsmu magħna x'għoġobhom l-aktar, x'skoprew jew tgħallmu, liema attività jew żjara kienet il-favorita tagħhom, u għaliex qed jieħdu gost ikunu parti minn *Darba Waħda fil-Villaġġ*.

67.04.24 Nhar it-03.09.26 il-Maniġer tal-iskart bagħat lill-kuntrattur dwar l-installazzjoni tal-apparat ta' data track fuq il-vetturi għall-ġbir tal-iskart (RCVs) użati għas-servizz tal-ġbir, kif ukoll dwar il-ħlas relatat ma' multi li ilhom dovuti. Informa li ir-Reġjun għadu bla aċċess għas-sistemi u li ma rċivejna l-ebda tweġiba uffiċjali dwar il-ħlas pendenti.

67.04.25 Nhar l-10.09.26 saret laqgħa mal-Maltapost flimkien mal-Maniġer tal-Proġetti rigward sett ta' bolol kommemorattiv sabiex ifakkar ir-Reġjun Kapitali tal-kultura 2027**.**

67.04.26 Nhar is-07.09.26 il-Maniġer tal-Proġetti informa lis-Sur Bugeja li r-Reġjun jixtieq jagħmel il-munita tal-valuta ta' 10 ewro bil-kulur, fejn fuq faċċata minnhom ikollha l-arma tar-Reġjun fuq il-faċċata l-oħra l-arma ta' Malta. F'kaz li il-bord tal-Bank Ċentrali ma japprovax tali munita (minħabba l-arma ta' Malta) tista' ssir medalja tal-istess piż u materjal imma din ma jkollix il-valur numiżmatiku, u li fuqha tista ssir kull tip ta arma.

67.04.27 Nhar is-07.09.26 irċivejna stedina sabiex nattendu għal Annual stakeholders' conference organizzata mill- Aġenzija Żgħażagħ.

67.04.28 Nhar id-09.09.26 irċivejna approvazzjoni mis-Segretarju Permanenti rigward id-direct order u sabiex nipproċedu għall-approvazzjoni mid-Direct Orders Unit tal-MFIN.

67.04.29 Nhar id-09.09.26 irċivejna eżerċizzju mill-AKL dwar aġġornament tal-Informazzjoni tal-Kunsill Lokali.

67.04.30 Nhar id-09.09.26 irċivejna invit għall-kunċert tal-Indipendenza.

67.04.31 Nhar id-09.09.26 irċivejna Cir AKL 2026/064_Youth for Democratic Resilience – 18 ta' Settembru 2026.

67.04.32 Nhar l-10.09.26 irċivejna mill-URBACT dwar sensiela ġdida ta' korsijiet online b'xejn li hija disponibbli biex tappoġġja lil dawk li jfasslu l-politika sabiex jiżviluppaw ħiliet fit-tranżazzjoni diġitali tal-ibliet, Public Procurement, gender responsive Public Procurement u Public Procurement for food.

67.04.33 Nhar l-10.09.26 l-uffiċjali amministrattiv bagħat id-dati konfermati tal-futball tournaments u informa li dawk li għadhom ma sottomettewx id-dati kif ukoll l-etajiet għandhom jagħmlu dan mill-iktar fis sabiex tiġi iffinalizzata l-iskeda sħiħa.

67.04.34 Nhar l-10.09.26 irċivejna l-abbozz tal-ftehim rigward ir-Reġjun kulturali għas-sena 2027 sabiex jekk hemm xi kummenti, mistoqsijiet għadna navviċinaw lid-DLG sabiex jiġu ikkunsidrati qabel il-ftehim jiġi ffirmat.

67.04.35 Nhar l-10.09.26 irċivejna Cir AKL 2026/066_Stedina – Konferenza Malta Urbana 2026.

67.04.36 Nhar l-10.09.26 bagħtna il-kuntratt iffirmat tas-Simposju tal-Għana lill-Festivals Malta.

67.04.37 Nhar l-10.09.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej talbet gwida lis-Sur Ghigo li fis-sena 2025 is-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Riċerka u l-Innovazzjoni kien nieda l-iSkema għall-Iżvilupp u l-Innovazzjoni fil-Komunità. L-għan ta' din l-iskema kien li dawn l-għaqdiet volontarji u NGOs jingħataw għajnuna finanzjarja sabiex iwettqu proġetti relatati mal-innovazzjoni fil-komunitajiet (b' enfasi fuq ix-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika).

67.04.38 Nhar l-10.09.26 irċivejna Cir AKL 2026/065_Espressjoni ta' Interess – Proġett Pilota għall-Ġbir taż-Żejt tat-Tisjir Użat.

67.04.39 Nhar il-11.09.26 irċivejna mill-Euaffairs dwar żewġ opportunitajiet ta' taħriġ u Kooperazzjoni (TCAs) immirati biex isaħħu l-kooperazzjoni bejn il-muniċipalitajiet f'Ċipru, Malta, il-Greċja u l-Bulgarija, filwaqt li jappoġġjaw l-iżvilupp ta' proġetti futuri ta' Erasmus+ Żgħażagħ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Dawn ser jsiru f'Ċipru bejn il-01 -03.12.26 u f' Malta bejn it-12-14.04.2027.

67.04.40 Nhar il-11.09.26 il-President tal-AKL is-Sur Fava esprima it-tħassib serju li, minkejja l-ħafna laqgħat u sigħat li ddedikaw biex jiddiskutu l-problemi relatati mas-sistema LESA u jsibu soluzzjoni, l-awditjar li kien mifhum li diġà beda, jidher li għadu ma sarx. Dan jagħti l-impressjoni li ftit li xejn sar progress konkret. Insista li ma jistax jibqa' jattendi laqgħat mingħajr ma dawn iwasslu għal azzjonijiet ċari, responsabbiltajiet definiti u riżultati li jistgħu jitkejlu. Irrimarka li l-Kunsilli Lokali u Reġjonali għadhom esposti għar-riskju li jirċievu opinjoni kwalifikata mill-awdituri minħabba nuqqas ta' assigurazzjoni adegwata fuq sistema li mhijiex taħt il-kontroll tagħhom.

67.04.41 Nhar il-11.09.26 is-Segretarju eżekuttiv stiednet lill-Onor Ministru Zerafa Civella għall-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Punent sabiex jiġu diskussi temi bħal Ir-Reġjun Kapitali tal-Kultura 2027, ir-restawr u r-rinovar tal-binja Torre dello Standardo ġewwa l-Imdina, Ir-restawr u r-rinovar tal-binja tal-Casino Notabile ġewwa it-telgħa tas-Saqqajja u Koordinament mar-Reġjun Punent.

67.04.42 Nhar l-14.09.26 irċivejna Cir AKL/Regjuni 010/2026_Town Hall COP – Espressjoni ta' Interess u Opportunitajiet ICLEI Europe, bil-għan li tressaq id-diskussjoni dwar it-tibdil fil-klima, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà aktar qrib il-kommunitajiet u l-awtoritajiet lokali u reġjonali.

67.04.43 Nhar l-14.09.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li Gal Majjistral fetaħ 3 mizuri taħt il-fond LEADER.

67.04.44 Nhar l-14.09.26 il-Maniġer tal-Proġetti informal ill-Kunsilli Lokali dwar l-attivita tal-ġbir taz-zebbuġ. Talab sabiex jiġu iċċekjati s-siġar li fihom ammont sostanzjali, jiġi indikat il-post preċiz, jiġu involuti t-tfal u għaqdiet volontarji

67.04.45 Nhar l-14.09.26 irċivejna Cir AKL 2026/067_YMCA NOVA Youth Camp – Franza | 26–31 ta' Ottubru 2026 fil-YMCA Centre Azur, Sanary-sur-Mer, fin-Nofsinhar ta' Franza. Il-kamp ser ilaqqa' flimkien żgħażagħ minn diversi pajjiżi Ewropej għal esperjenza internazzjonali li tiffoka fuq il-benesseri, l-iżvilupp personali u l-iskambju ta' esperjenzi.

67.04.46 Nhar il-15.09.26 irċivejna tfakkira għal konferenza ESPON dwar l-Ispejjeż Ekonomiċi tal-Insularità u r-reazzjonijiet tal-Politika tal-UE.

67.04.47 Nhar il-15.09.26 ġejna infurmati mid-DLG dwar l-applikazzjoni tal-Arts Council Malta Module 2: (Parteċipazzjoni u Tgawdija tal-Arti), li jagħmel parti mill-programm ta' taħriġ Right to Culture taħt l-iskema ESF+.03.243 Specialised Local Training. Dan huwa bla ħlas, akkreditat fil-Livell 3 tal-MQF, u jiffoka fuq kif l-organizzazzjonijiet kulturali jistgħu jilħqu u jinvolvu udjenzi usa' billi jidentifikaw nuqqasijiet fil-parteċipazzjoni, u jsaħħu l-aċċess għal attivitajiet u programmi kulturali.

67.04.48 Nhar il-15.09.26 irċivejna il-kuntratt tal-proġett Art for Active Ageing sabiex jkun jista' jiġi iffirmat.

67.04.49 Nhar il-15.09.26 irċivejna mis-Sa Cassar sabiex ningħaqdu għal attività ta' tindif tal-bajja fil-Bajja tal-Ġnejna. Din l-attività hija organizzata bħala parti mill-Patt Ewropew dwar il-Klima u biex tiġi ċċelebrata l-Jum Dinji tat-Tindif (World Clean Up Day) tal-2026.

67.04.50 Nhar is-16.09.26 il-President informa lis-Sur Borg għal Laqgħa mal-Onor. Alison Zerafa Civelli dwar ir-Reġjun Kulturali 2027 idealment waqt laqgħa tar-Reġjun. Bl-idea li isir kollox waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali (AGM) fit-13 ta' Novembru, inkluż it-tnedija tal-logo u kwistjonijiet oħra relatati.

67.04.51 Nhar is-16.09.26 irċivejna Cir AKL 2026/068_Mental First Aid – 7 u 9 ta' Ottubru 2026.

67.04.52 Nhar is-16.09.26 is-Segretarju Permanenti is-sur Vassallo infurmana li l-Awtoritajiet tas-Saħħa, f'kollaborazzjoni mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, qed jesploraw l-implimentazzjoni ta' Skema ta' Tilqim fil-Komunità bil-għan li ttejjeb l-aċċessibbiltà għas-servizzi ta' tilqim fil-komunitajiet lokali.

67.04.53 Nhar is-17.09.26 irċivejna Cir AKL 2026/069_Customer Care – 23, 25 u 27 ta' Novembru 2026. bil-għan li l-parteċipanti jkomplu jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom fil-komunikazzjoni u fl-għoti ta' servizz professjonali u effettiv lill-pubbliku.

67.04.54 Nhar it-18.09.26 irċivejna tfakkira illi l- SPI/SCI/07/2026 - Finanzjament -Attivitajiet Kulturali Annwali 2027 ser tagħlaq nhar it-30.09.2026.

67.04.55 Nhar it-18.09.26 irċivejna Cir AKL 2026/070 Project Management – 11, 13 u 15 ta' Jannar 2027. bil-għan li l-parteċipanti jsaħħu l-għarfien u l-ħiliet tagħhom fl-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-immaniġġjar effettiv ta' proġetti.

67.04.56 Nhar it-18.09.26 irċivejna korrispondenza mis-Sur Scerri relatata mal-inizjattiva Sport Integrity in the Community. Bl- għan li ssaħħaħ il-governanza tajba, l-etika u l-integrità fl-isport permezz ta' sessjonijiet edukattivi li ser isiru fuq livell komunitarju u li ser jinvolvu rappreżentanti tal-klabbs sportivi tal-lokalitajiet tagħkom kif ukoll rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali.

67.04.57 Nhar it-18.09.26 irċivejna mis-Sur Mammides rigward il-proġett CIVIC UP CERV mifrux matul sentejn. Din l-avventura se tlaqqagħna flimkien f'sitt żoni ġeografiċi differenti madwar l-Ewropa.

67.04.58 Nhar it-19.09.26 saret l-attivita' ta' Darba Waħda fil-Villaġġ ġewwa Ħad-Dingli.

67.04.59 Nhar il-21.09.26 irċivejna stedina għal-laqgħa introduttorja għall-koordinaturi tal-proġetti relatati mas-sejħa tal-2026 għan-Network of Towns

67.04.60 Nhar il-22.09.26 irċivejna Cir AKL 2026/071_Stedina – Konferenza Annwali Blossom 2026.

67.04.61 Nhar it-22.09.26 irċivejna il-formola għall-akkumulzzjoni tal-vacation leave tas-Segretarju Eżekuttiv.

67.04.62 Nhar it-22.09.27 is-Sa Diacono talbet għal tlett kopji iffirmati mis-Sindku u Segretarji Eżekuttivi tal-ftehim tar-Reġjun tal-Kultura 2027.

67.04.63 Nhar it-22.09.26 infurmajna li l-laqgħa tas-Segretarji Eżekuttivi ġiet posposta għal nhar id-29.09.26.

67.04.64 Nhar it-23.09.26 infurmajna li l-attiva li jmiss ta' Darba Waħda fil-Villaġġ ser issir nhar it-03.10.26 ġewwa r-Rabat.

67.04.65 Nhar it-23.09.26 il-Maniġier tal-iskart fakkar lill-kuntrattur rigward diskussjonijiet preċedenti dwar is-sistemi ta' traċċar bil-GPS fuq il-vetturi tal-ġbir tal-iskart (RCVs) li qed jintużaw għas-servizz tal-ġbir u li sa issa ma rċevejna l-ebda kommunikazzjoni dwar dak li kien miftiehem. Ikkonferma ukoll illi ir-Reġjun ser jkun qed jmexxi bil-proċedura ta' set-off tal-multi hekk kif kien miftiehem.

67.04.66 Nhar it-23.09.26 il-Maniġer tal-Iskart talab għal bi-annual report lill-Green Pak sabiex inkunu nistgħu nippreparaw ir-rapport tal-ERA.

67.04.67 Nhar it-23.09.26 il-Maniġier tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill-imsieħba, illi il-proġett CERV Making Waves ikkwalifika għal fondi mill-EU.

67.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet

67.06 Tqegħid ta' Dokumenti/ Rapporti

67.06.01 Waste Tender recommendations Document

Il-President ippreżenta ir-rapport imħejji mill-Maniġer tal-Iskart wara konsultazzjoni li saret mal-Kunsilli Lokali bi tħejjija għat-tender il-ġdid tal-ġbir tal-iskart.

67.07 Approvazzjoni ta' Xiri

67.07.01 Kwotazzjoni RFQ265/2026 – Request For Quotation for Filming

Il-President informa li ntbagħtu tliet (3) inviti għall-kwotazzjoniet li minnhom irċivejna tliet (3) offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

67.07.02 Kwotazzjoni RFQ266/2026 – Request For Quotation for the Provision of Water dispensers and water bottles.

Il-President informa li ntbagħtu tliet (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna offerta waħda (1) biss. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus
Il-Kunsill qabel unanimament

67.07.03 Kwotazzjoni RFQ267/2026 – Request For Quotation for Transportation Services

Il-President informa li ntbagħtu erba' (4) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna 2 offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

67.07.04 Kwotazzjoni RFQ268/2026 – Request For Quotation for Premises for JMI conference

Il-President informa li ntbagħtu tlett (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tlett (3) offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament

67.08 Skeda tal-Pagamenti Nu.54

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 54.

Proponent: Is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus
Sekondant: Is-Sindku tas-Siġġiewi is-Sur Ryan Cachia
Il-Kunsill qabel unanimament.

67.09 Settijiet ta' bolol kommemorattivi għas-sena tar-Reġjun tal-Kultura 2027

Il-President ippropona li bħala kommemorazzjoni tas-sena tar-Reġjun tal-Kultura 2027 jinħarġu tliet (3) settijiet ta' bolol. L-ewwel sett jkun ta' qies A4, bit-tema ta' xi post sinonimu mal-lokal. Iż-żewġ (2) settijiet ta' qies A5 għandu jinħareġ aktar tard matul is-sena bit-tema tintgħażel iktar 'il quddiem**.**

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament.

67.10 AGM

Il-President ippropona id-data tat-20 ta' Novembru, 2026 fis-6.00pm bħala d-data tal-Laqgħa Ġenerali Annwali tar-Reġjun Punent kif ukoll it-tnedija tar-Reġjun tal-Kultura 2027.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

67.11 Ftehim – Reġjun Kulturali 2027

Il-President qal li ir-Reġjun Punent irċieva il-kuntratt ta' ftehim għar-Reġjun tal-Kultura 2027 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u propona illi dan jiġi iffirmat mis-Sindki u Segretarji Eżekuttivi kollha tar-Reġjun. Qal ukoll illi iċ-ċerimonja tal-iffirmar uffiċjali ser issir nhar il-15.10.26, fejn il-knisja ta' Sant Agatha fir-Rabat.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

67.12 Materji Oħra

67.12.01 Expo Barcelona

Il-President ippropona illi tlett(3) rappreżentanti mill-ħaddiema tar-Reġjun Punent jattendu għall-Smart City Expo ġewwa Barcelona li ser ssir bejn it-03-05.11.26. Il-President offra din l-opportunita' ukoll lis-Sindki u qal li ir-Reġjun lest jħallas titjiriet ta' Sindku jekk ikun hemm min hu interessat.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament.

67.12.02 Akkumulazzjoni ta' Vacation Leave tas-Segretarju Eżekuttiv

Il-President ippropona illi jiġu mġedda 75 siegħa ta' VL tas-Segretarju Eżekuttiv mis-sena 2026 għas-sena 2027.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

67.12.03 Reġjun tal-Kultura 2027

Il-President ressaq għall-approvazzjoni proposta ta' disinn ta' torċa simbolika li ser tgħaddi minn Sindku għal Sindku waqt il-mixjiet kulturali li ser jkunu parti mill- attivitajiet tar-Reġjun tal-Kultura. Id-disinn u xogħol ta' din it-torċa ser jsir mill-artist lokali, is-Sur NA u ser jiġi jiswa Eur1,000.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament.

67.12.04 Munita komemortattiva

Il-President semma li l-prezz sabiex issir munita komemorattiva għas-sena tar-Reġjun tal-Kultura 2027 ser jieħu parti sostanzjali mill-baġit allokat u għalhekk kien hemm qbil illi din ma ssirx.

Il-Kunsill qabel unanimament.

67.12.05 DP Funds tal-PA – Mqabba Restawr tal-Isptar il-Qadim

Il-President ippropona illi ir-Reġjun jidħol bi sħab fl-applikazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Mqabba sabiex jintużaw id-DP Funds tal-PA sabiex jkopri parti mill-ispejjeż tar-restawr tal-isptar il-qadim wara talba li tressqet mis-Sindku tal-Imqabba preżenti.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

67.12.06 First Aid Course

Il-President ippropona sabiex tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex jingħataw sessjonijiet ta' First Aid lir-residenti u għaqdiet fir-Reġjun Punent.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula

67.13 Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-19:15 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **is-27 t'Ottubru fil-17.00.**

Sandro Azzopardi
President Reġjun Punent

Tania Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum